**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Seduta tat-28 ta' Settembru 2015**

**Rikors Numru 75/14**

**Alfred Felice**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Alfred Felice** ipprezentat fil-11 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti appellant b`ittra datata 28 t`Awissu 2014 ircieva decizjoni ta` l-appellat Kummissarju tal-Pulizija li b`riferenza ghall-applikazzjoni tieghu ta` Gwardjan Privat, l-istess applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissarju appellat u ikkonkluda hekk, "B`referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta` Gwardjan Privat ghandi ninfurmak, illi t-talba tieghek ma tistax tigi milqugha skond l-artikolu 10(a) (i) u 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta, minhabba li kont gejt misjub hati ta` sentenza fil-konfront tieghek."*

*Illi l-esponenti appellant hass ruhu aggravat minn din d-decizjoni u ghalhekk a tenur tal-artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta` Malta, qed jipprezenta dan l-appell quddiem dan it-Tribunal wara li nghatat din id-decizjoni datata 28 t`Awissu 2014.*

*Fatti:*

*Illi l-esponenti skond ma jindika c-certifikat datat 19 ta` Frar 2014 applika u lesta kors ghal Private Guards Licensing Course and passed the assessment in terms of*

*Reg 4 of the Private Guards & Local Wardens Act, Regulations mal-Fondazzjoni Reggie Miller biex ikun jista` jsir u jibda jahdem bhala Gwardjan Privat jew Gwardjan lokali.*

*Illi skond id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 28 t`Awissu 2014 din l-applikazzjoni ma gietx applikata [recte: accettata] peress li l-esponenti kien instab hati minn Qorti tal-Gustizzja.*

*Illi skond decizjoni datata 11 ta` Jannar 2007, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali (Inferjuri) kienet permezz ta` sentenza ikkundannat lill-esponenti ghal tmien xhur sospizi ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Aggravji:*

1. *Illi l-perjodu operattiv tas-sentenza hawn fuq citata ormaj ilu li ghadda u ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija kellu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tlett snin imposti ai termini tal-Artikolu 28A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghadda u minn dak iz-zmien 'l hawn l-esponenti dejjem gab ruhu kif suppost u bhala cittadin onest. Fil-fatt huwa qatt izjed ma kellu problemi mal-forzi tal-ordni. Ghalhekk il-fatt li l-perjodu operattiv tas-sentenza hawn fuq indikata ghadda kellu jittiehed in konsiderazzjoni;*

2. *Illi l-offiza li taghha gie ikkundannat l-esponenti hafna snin ilu u cioe` fis-sena 2007 tmur lura ghal akkadut li sar f`Jannar ta` tmien snin ilu, u ma hix offiza tant gravi li taqa` ai termini tal-Artikolu10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta, u minkejja kollox l-esponenti llum huwa persuna riformata.*

3. *Salv aggravji ohra li jistghu wkoll jigu trattali oralment.*

*Illi ghalhekk l-esponenti qieghda titlob li dan l-umli Tribunal:*

1. *Jhassar u jirrevoka d-decizjoni mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija datata 28 ta' Awwissu 2014 li permezz taghha cahad it-talba tar-rikorrenti ghall-applikazzjoni ghal-licenzja ta` Gwardjan Privat.*

2. *U sussegwentement jiddeciedi billi jilqa` l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghal-licenzja ta` Gwardjan Privat."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 22 ta' Jannar 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"1. Illi fil-mertu, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri waqt il-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

*2. Illi l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Felice ai termini tal-***Artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) tal-Kap-389***;*

*3. Illi r-rikorrent appellant kien ġie akkużat u nstab ħati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (ħlief għat- tielet akkuża) inter alia li ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa u ta' attentat ta' ferita gravi fuq persuna. Instab ħati wkoll ta' pussess ta' strument li jaqta' u jniggeż mingħajr liċenzja tal-Kummissarju u li ħebb għal żewġ persuni;*

*4. Illi l-fatt li lesta l-Private Guards Licensing Course ma jfissirx awtomatikament li Alfred Felice huwa affidabbli u kapaċi biex jaħdem bħala Gwardjan Privat. Apparti dan il-Kors, Il-Kap 389 senjament Artiklu 10 jirrikjedi li jiġu sodisfatti kriterji oħra inter alia li ma jkunx instab ħati ta' ċertu tip ta' reati. Il-leġislatur ried li Gwardjan Privat ikun persuna ta' karattru affidabbli propju minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol;*

*5. Illi għalhekk persuna li wettqet it-tip ta' reati li ġie akkużat bihom Felice u eventwalment instab ħati tagħhom żgur ma tistax titqies bħala persuna affidabbli biżżejjed biex propju jara li dawn it-tip ta' reati ma jsirix;*

*6. Illi inoltre' il-fatt li l-perijodu operattiv tas-sentenza għadda ma jgħoddx propju għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija ried jara x-xorta tar-reat u l-fatt li nstab ħati ta' dan ir-reat u mhux it-tip ta' piena li ġiet inflitta. Xorta jibqa' l-fatt li r-reati twettqu u li nstab ħati tagħhom;*

*7. Minħabba dak suespost għalhekk huwa ċar illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma kellux għazla oħra għajr li jirrifjuta li tingħata l-liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponent bl-akbar rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;[1]

Sema' x-xhieda ta' Tony Zarb,[2] tal-Ispettur Carol Fabri,[3] tal-Ispettur Ramon Mercieca,[4] u tar-rikorrent;[5]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

---

[1] A fol. 23
[2] A fol. 32
[3] A fol. 34 sa 36
[4] A fol. 85 sa 88
[5] A fol. 90 sa 91

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 28 ta' Awissu 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'riferenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak illi t-talba tieghek ma tistax tigi milqugha skont l-Artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li kont gejt misjub hati ta' sentenza fil-konfront tieghek.*

*Ninfurmak ukoll illi jekk inti jidhirlek li ghandha tinhareg licenzja f'ismek, inti tista' tappella minn din id-decizjoni billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

**Ir-rikorrent** spjega illi huwa attenda ghal kors ta' *security officer* organizzat mill-General Workers Union u wara li lesta l-istess kors gie moghti certifikat ghall-istess. Pero` meta applika ghal-licenzja din giet rifjutata minhabba l-kondotta tieghu. Jghid li fuq il-kondotta huwa ghandu sentenza sospiza li l-perjodu operattiv taghha ghadda. Jghid li prezentement huwa jaghmel xoghol ta' *maintenance* ma' l-*Oracle Casino* u applika sabiex jahdem bhala *security* izda peress li m'ghandux licenzja ma jistghax jinghata dan ix-xoghol.

**Tony Zarb**, Segretarju Generali tal-General Workers Union, ikkonferma li r-rikorrent kien attenda ghal-kors ta' *gwardjan privat* u ghadda mill-istess kors.

**L-Ispettur Carol Fabri** xehdet li fil-31 ta' Jannar 2006 ir-rikorrent kellu sentenza li kienet titratta dwar reati ta' griehi fuq il-persuna, hsara volontarja u zamm u garr ta' strument li jaqta' u li jniggez (sikkina). Hija tispjega li meta rat il-fedina penali tar-rikorrent u rat artikolu 10 (a) u (b) tal-ligi kienet tal-opinjoni li ghandu jinhareg rifjut ghall-applikazzjoni tar-rikorrent.

**L-Ispettur Ramon Mercieca** jistqarr illi in segwitu tal-kaz tal-2006 ir-rikorrent kellu kaz iehor li jinvolvi lill-istess vittma fejn rega' kellu kwistjoni mieghu. Jghid li meta hu, bhala ufficjal tal-Pulizija, jara din il-

kondotta jqis  li applikant mhuwiex responsabbli biex tinhariglu licenzja ghax jekk jinqala' incident il-gwardjan privat irid jara li incident ma jkomplix jikber.  Ix-xhud spjega illi dak li ghamel ir-rikorrent gie klassifikat bhala reat gravi u li huma bhala Pulizija ma jiccekkjawx jekk persuna tkunx irriformat ruhha.  Pero` jghid li hu jkun qed ihossu jonqos mill-obbligu u mid-doveri tieghu jekk lill-applikat tinhariglu l-licenzja.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi kemm tal-artikolu 10 (a) (i) u kemm tal-Artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Lokali u Privati).  Artikolu 10 (a) (i) u (b) jghidu is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***<u>għandu</u>***[6] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta'  omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika*  ***jew ta' xi delitt gravi ieħor****;*

........

***(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza****."*

Illi mis-sentenza esebita mill-Kummissarju intimat[7] jirrizulta illi r-rikorrenti gie akkuzat talli:

*"1. fil-wiehed u tletin ta' Jannar 2006 ghal habta tal-hamsa w kwart ta' filghodu f'Hal Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jason Vella f'perikolu car, permezz ta' strument li jaqta' u jniggez [sikkina], ikkagunalu feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Doctor Noel Cassar tal-isptar San Luqa;*
*2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Vella minn Hal Qormi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmija sikkina fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;*
*3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa permezz ta' strument li jaqta u li jniggez fuq il-persuna ta' Jason Vella, hekk kif ccertifikat minn Doctor Noel Cassar MD fl-isptar San Luqa;*

---

[6] Enfasi tat-Tribunal
[7] Dok CF2 a fol. 68 sa 78

*4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hwejjeg li huma proprjeta ta' Jason Vella, liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Jason Vella;*
*5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u li jniggez;*
*6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta u li jniggez (sikkina) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;*
*7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;*
*8. hebb kontra Dorianne Vella u Jason Vella sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara."*

Illi jirrizulta li l-Ewwel Qorti sabet lir-rikorrent hati tal-akkuzi kollha barra r-raba' wahda u kkundannatu ghal piena ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin. Illi b'sentenza datata 11 ta' Jannar 2007 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Istanza in kwantu ta' piena b'dana pero` li rriformatha biss fis-sens li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni peress li hija l-istess wahda kontenuta fl-ewwel imputazzjoni u kif ukoll iddikjarat li l-ewwel, il-hames u s-seba' imputazzjoni huma ghall-fini tal-piena assorbiti fit-tieni imputazzjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali.

Illi ghalhekk, minn harsa lejn id-delitti mwettqa mir-rikorrenti jirrizulta illi l-aktar gravi huma dawk kontra l-persuna u li zamm u garr sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Issa kif gie enfasizzat iktar 'il fuq, artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 ma jhalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija meta jigi biex jiddeciedi jekk applikazzjoni ghal licenzja gdida ta' gwardjan privat jew tigdid tal-istess licenzja tintlaqghax jew le. Skond l-artikolu citat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu d-dmir** li jirrifjuta tali applikazzjoni.[8]

Illi ghalhekk, ghalkemm dan it-Tribunal jista' jikkoncedi li persuna tista' tkun irriabilitat ruhha u zammet 'il boghod minn dawn il-Qrati,[9] huwa ghal kollox inutili li wiehed jishaq li l-Kummissarju jista' jezercita d-diskrezzjoni tieghu mod iehor, ghax fil-verita` tali diskrezzjoni, fejn si tratta ta' rifjut abbazi ta' reati gravi, ma tezistix.

Illi issa, fil-kaz odjern, ir-rikorrent instab hati principalment talli *"dolozament, bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna*

[8] L-uniku diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju intimat hu meta si tratta ta' "reat gravi iehor" li ma jaqghax fost dawk elenkati fl-istess artikolu 10 (a) (i).
[9] Ghalkemm mhux il-kaz tar-rikorrent ghax rega' kellu kaz iehor, ghalkemm mhux tal-istess gravita`, fl-2009 kif jirrizulta mill-fedina penali esebita bhala Dok. RM1 a fol. 80 sa 84

*ta' Jason Vella minn Hal Qormi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmija sikkina fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu".* Illi fi ftit kliem, ir-rikorrent gie akkuzat u misjub hati ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna. Illi skond l-Ispettur Ramon Mercieca dan ir-reat, imwettaq b'arma (sikkina), jikkwalifika bhala "reat gravi" ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi kien ghalhekk li hareg ir-rifjut ghall-applikazzjoni tar-rikorrent.

Illi min-naha l-ohra ir-rikorrent qieghed jargumenta li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, u cioe` dak ta' tlett (3) snin, kien ghadda u ghalhekk il-Kummissarju intimat ma kienx gustifikat fir-rifjut tieghu abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) u (b).

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-ligi titkellem fuq "reat gravi iehor" ma tispecifika l-ebda ammont ta' zmien li jista' jghaddi biex il-Kummissarju intimat jista' jezercita d-diskrezzjoni tieghu u johrog licenzja favur applikant.

Illi dan it-Tribunal josserva illi l-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni jekk l-applikant ikun wettaq offiza gravi fuq il-persuna. Issa f'dan il-kaz, ir-reat principali, huwa dak ta' **tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna.** Illi certament tentattiv ta' offiza gravi fuq persuna b'arma jista' jigi klassifikat bhala reat gravi. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Kummissarju intimat ghaliex huwa tal-fehma illi fit-tentattiv ta' offiza gravi hemm element ta' gravita` li wiehed ma jistghax jinjora. Wiehed ukoll ma jistghax jinjora t-temperament tar-rikorrent li skond is-sentenza esebita mar fir-residenza tal-vittma u attakkah. Lanqas ma jista' wiehed jinjora li dan l-episodju kellu segwitu tlett snin wara, ghalkemm il-portata tal-incident tal-2009 kienet ferm inqas.[10]

Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat uza d-diskrezzjoni fdata f'idejh b'mod ragjonevoli u li l-argumenti mressqa iktar 'il fuq japplikaw ukoll ghar-rifjut taht l-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mhuwiex fl-interess pubbliku illi persuna li se tigi fdata biex tippresta s-servizzi ta' gwardjan privat kif elenkati f'artikolu 2 tal-istess ligi, fosthom "*protezzjoni ta' individwi minn offiżi fuq il-persuna*", tkun hi stess ikkommetiet l-istess offizi u snin wara jerga' jkollha incident mal-istess vittma. Ghalhekk,

[10] Ara fedina penali esebita bhala Dok RM1 a fol. 80 sa 84

certament, id-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat, jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-istess Kummissarju datata 28 ta' Awissu 2014.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

___________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**